31991R3402

23.11.1991 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 321/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3402/91
tad-19 ta' Novembru 1991
li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u r-Regolamenti dwar it-Tariffa Doganali Komuni u r-Regolament (KEE) Nru 2915/79 illi jistabilixxi l-gruppi ta' prodotti u d-dispożizzjonijiet speċjali għall-kalkolu tal-imposti fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mogħod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 16309/91 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi d-distinzjoni bejn ġobnijiet friski illi huma skond il-kodiċi CN 0406 dwar skond jekk humiex fermentati jew le toħloq problemi ta' sorveljanza; billi l-Kunsill Għall Koperazjoni Doganali irrakomanda illi l-ġobnijiet friski kollha jiġu raggruppati fil-kodiċi CN 0406 10; billi, għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 2915/79 [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3116/90 [4], għandu jiġi emendat u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2658/87 [5], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2587/91 [6], għandu jiġi addattat kif xieraq; billi għandha tiġi użata anke l-opportunità illi tiġi reveduta il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-Nomenklatura kombinata annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 qed tiġi hawn emendata skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 2915/79 qed jiġi hawn emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

— L-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"1. jekk tkun skond il-kodiċi CN 0406 10 20 u 0406 90 93, għas-somma tal-komponenti illi ġejjin:"

— L-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 għandha tiġi mibdulha b'dan li ġej:

"2. jekk tkun skond il-kodiċi CN 0406 10 20 u 0406 90 93, għas-somma tal-komponenti illi ġejjin:"

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(2) ĠU L 150, tal-15.6.1991, p. 19.
(3) ĠU L 329, ta' l-24.12.1979, p. 1.
(4) ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 1.
(5) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(6) ĠU L 259, tas-16.9.1991, p. 1.

2. Fl-Anness, il-gruppi ta' prodotti fi' grupp 11 għandhom jiġu mibdula mill-gruppi li ġejjin:

Numru ta' gruppi	Gruppi ta' prodotti skond in-nomenklatura ikkombinata	Prodott Ewlieni għall-kull grupp ta' prodotti
"11	0406 10 0406 30 0406 90 23 0406 90 25 0406 90 27 0406 90 29 0406 90 31 0406 90 33 0406 90 35 0406 90 37 0406 90 39 0406 90 50 0406 90 73 0406 90 75 0406 90 77 0406 90 79 0406 90 81 0406 90 85 0406 90 89 0406 90 93 0406 90 99	Ġobon sħiħ, illi jkun immatura għal sitta sa fil- tmien ġimgħat, b'kontenut ta' xaħam ta' 45 % piż fil-parti xotta, u mingħajr imballaġġ"

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1992.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Novembru 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BUKMAN

L-ANNESS

Deskrizzjoni tar-Rata tal-Kodiċi	CN ta' taxxa	ta' qasam Supplimanetarju		Supplementari
		awtonomu (%) jew imposta (AGR)	Konvenzjonali (%)	
1	2	3	4	5
0406	Ġobon u *curd*:			
0406 10	— ġobon frisk (mhux misjur jew trattat bil-ħwawar u bil-melħ), inkluż il-ġobon tal-*whey*, u *curd*			
0406 10 20	— — ta' kontenut ta' xaħam, bil-piż, illi ma jeċċedix l-40 %	23 (AGR)	—	—
0406 10 80	— — oħra	23 (AGR)	—	—
0406 20 sa 0406 90 50	} mhux mibdul			
	— — — — ieħor:			
	— — — — — ta' kontenut ta' xaħam, bil-piż, illi ma jeċċedix l-40 % u kontenut ta' ilma, bil-piż, fil-parti mhux ta' xaħam:			
	— — — — — — illi ma jeċċedix l-47 %:			
0406 90 61	— — — — — — — Grana padano, Parmigiano Reggiano	23 (AGR)	—	—
0406 90 63	— — — — — — — Fiore sardo, Pecorino	23 (AGR)	—	—
0406 90 69	— — — — — — — oħrajn	23 (AGR)	—	—
	— — — — — — illi jeċċedu 47 % imma li ma' jeċċedux it-72 %:			
0406 90 73	— — — — — — — Provolone	23 (AGR)	—	—
0406 90 75	— — — — — — — Asiago, Caciocavallo, Montasio, Ragusano	23 (AGR)	—	—
0406 90 77	— — — — — — — Danbo, Fontal, Fontina, Fynbo, Gouda, Havarti, Maribo, Samsoe	23 (AGR)	—	—
0406 90 79	— — — — — — — Esrom, Italico, Kernhem, Saint-Nectaire, Saint-Paulin, Taleggio	23 (AGR)	—	—
0406 90 81	— — — — — — — Cantal, Cheshire, Wensleydale, Lancashire, Double Gloucester, Blarney, Colby, Monterey	23 (AGR)	—	—
0406 90 85	— — — — — — — Kefalograviera, Kasseri	23 (AGR)	—	—
0406 90 89	— — — — — — — oħra	23 (AGR)	—	—
0406 90 93	— — — — — — illi jeċċedu it-72 %	23 (AGR)	—	—
0406 90 99	— — — — — oħra	23 (AGR)	—	—